Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, is-06 ta' Frar 2020

**Il-Pulizija**

**vs**

**Pasquale Capodanno**

**Kumpilazzjoni numru: 590/2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijet migjuba kontra Pasquale Capodanno ta' 41 sena bin Gennaro u Maria xebba Dinito u mwieled fl-1 ta' Settembru 1977 gewwa Fornia l-Italja, u residenti fil-fond 'No.10/11, Residential, Blk B, Mais, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar' u detentur tal-karta tal-identita' **bin-numru 190641A.**

Billi huwa gie akkuzat talli nhar l-10 ta' April 2019 fil-hinijiet ta' filghaxija u fil-granet ta' qabel gewwa l-fond 'No.10/11, Residential, Blk B, Mais, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar':

Irbat, qfilt, irbat b'katina jew irrestrinġejt kelb, jew zammejt kelb marbut, maqful, jew marbut b'katina/cinga, marbut ma' kwalunkwe oġġett wieqaf bħala mezz permanenti ta' żamma tal-kelb jew bħala mezz primarju ta' żamma tal-kelb bi ksur ***ta' L.S. 439.21 Art.3 (1).***

U aktar talli fl-istess data, hi u cirkustanzi nqast milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tal-harsien ta' l-annimali.bi ksur tal-***Artikolu 8 sub artikoli (2) (3) u (4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fis-seduta ta' l-24 t'Ottubru 2019, il-Prosekuzzjoni d-Difiza qablu illi f'kaz illi jkun hemm ammissjoni, il-piena imposta fuq l-imputat m'ghandhix tkun wahda karcerarja jew pekunarja izda qed jigi ssuggerit lil din il-Qorti, li l-imputat ghandu jinghata 'Conditional Discharge' stante in natura tal-kaz odjern.

Rat illi fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Ottubru 2019 l-imputat rregistra ammisjoni.

Rat illi l-partijiet irrimettew ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti wara li ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati għall-**akkuzi kollha** miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ta' l-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-**akkuzi kollha** migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni mill-imputat, l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja jew pekunarja stante in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3 (1) tal-L.S. 439.21 u l-Artikoli 8(2)(3)(4) u 45 (1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 22 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Illi ai termini ta' l-**Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi, jekk huwa jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu tal-liberta' kundizzjonata.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat